25 ta' Ottubru, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Karmenu Cutajar *versus* Pawlu Cassar**

**Minaċċja.**

*Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma' ieħor, jieħu atteġġjament li jħalli fl-astanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-ġlied, dak l-atteġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali.*

Fuq kwerela ta' Cutajar, dan Cassar ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondi għal theddid; u b'sentenza tagħha tas-26 ta' Lulju 1952 dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għall-ammenda ta' 10s., u ġiet lilu mposta garanzija ta' £10 għal żmien sitt xhur li jżomm il-paċi mal-kwerelant u ma jimmolestahx;

Il-kwerelat appella;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi l-imputazzjoni tirriżulta assodata. Meta bniedem, wara kwistjoni ma' ieħor, joħroġ mill-għalqa, jersaq lejn in-naħa ta' l-ieħor, ixammar sintomatikament il-kmiem, u b'vuċi ta' korla jgħid "jekk ried xi ħaġa għax ma qalx lili?" (kif, skond ix-xhieda l-aktar attendibili tal-Kuntistabbli Camilleri, għamel il-kwerelant), b'mod li l-impressjoni li jieħdu

l-astanti (kif hadu) hi li hu *qieghed ilesti ghall-glied*. *allura*. skond il-bon sens u l-intendiment komuni, hemm il-minaċċja reali u verbali;

Ghalhekk ma hemm xejn x'wiehed jiċċensura fis-sentenza appellata, li tibqa' konfermata u l-appell michud. L-ispejjeż ihallashom l-appellant. Onorarju tad-difensuri 8s. ghas-seduta tal-lum u 12s. ghal kull wahda mis-seduti l-ohra.